# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha 7 ta' Frar 2001**

**Numru : 36**
**Citaz. Numru: 55/2001/RCP**

**United Acceptances Finance Ltd**

**vs**

**Joseph Galdes**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta' attrici premettiet:

Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici tal-konvenut fis-somma ta' elfejn, tlett mija tmienja u hamsin Liri Maltin u sebgha u tletin centezmu (Lm2,358.37), import ta' kambjali minnu accettati u ffirmati, kopji ta' liema kambjali jinsabu hawn annessi u mmarkati Dokumenti "1" sa "24";

Illi dawn il-kambjali skadew izda baqghu ma thallsux nonostante illi l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas;

Illi l-ammont huwa cert, likwidu u dovut u jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur tal-artikoli 167-170 tal-Kodici tal-Organizazzjoni u tal-Procedura Civili;

L-istess socjeta` attrici talbet li l-istess konvenut jghid ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tal-istanti, b'dispensa ghas-smiegh tal-kawza ai termini tal-artikoli 167-170 tal-Kodici tal-Organizazzjoni u tal-Procedura Civili;

2. Tikkundannah li jhallas lis-socjeta' attrici s-somma, ta' elfejn, tlett mija, tmienja u hamsin Liri Maltin u sebgha u tletin centezmu (Lm2,358.37), import ta' kambjali minnu accettati u ffirmati, liema kambjali skadew izda baqghu ma thallsux.

Bl-imghaxijiet kummercjali mid-data ta' kull skadenza sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kollha inkluzi tal-ittri ufficjali, kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` attrici, il-lista tax-xhieda u d-dokumenti l-ohra.

Rat il-verbal tas-7 ta’ Frar 2001 fejn il-konvenut ammetta it-talba kif dedotta fic-citazzjoni.

Billi mill-ammissjoni tal-konvenut, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta ppruvata.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** fuq ammissjoni tal-konvenut billi **tilqa' t-talba tas-socjeta` attrici** kif dedotta fic-citazzjoni b'dan illi tikkundanna lill-konvenut:

2. Ihallas lis-socjeta' attrici s-somma, ta' elfejn, tlett mija, tmienja u hamsin Liri Maltin u sebgha u tletin centezmu (Lm2,358.37), import ta' kambjali minnu accettati u ffirmati, liema kambjali skadew izda baqghu ma thallsux.

Bl-imghaxijiet kummercjali mid-data ta' kull skadenza sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kollha inkluzi tal-ittri ufficjali, kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace. LL.D.**
**7 ta' Frar, 2001**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur.**
**7 ta' Frar, 2001**